**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 482/2015**

**L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Mohamed Ramdan Mostfa Mousa**

Illum l-ewwel (1) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Mohamed Ramdan Mostfa Mousa**, detentur tal-Passaport b'ittri KJKYGYPG, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Settembru 2015 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1. irċieva passaporti li ġew trasferiti lilu minn persuna oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2015 fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta' Novembru 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tħassar** is-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet supra ċitati, tgħaddi sabiex issib **ħtija** u tinfliġġi fuq l-appellat dik il-piena idonea skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali wara li ġiet mogħtija sentenza mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Ottubru 2015.

Illi fl-aggravju mressaq fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi. Huwa jagħmel riferenza għal Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> "Kull min –
>
> [...]
>
> (b) jirċievi passaport li jiġi trasferit lilu minn persuna oħra,
>
> jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn."

Illi skont l-Avukat Ġenerali l-għan ewlieni tal-leġislatur huwa li jirregolarizza u jikkontrolla b'mod ġenerali l-użu ta' kull passaport altrimenti jkollok persuna li tidħol Malta b'għadd ta' passaporti u qisu ma ġara xejn. Jgħid li wieħed ma jistax jieqaf fil-mument meta wieħed jirċievi l-passaport. Jisħaq li l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellat għaliex huwa rċieva l-passaporti ġewwa Mitiga u mhux ġewwa Malta. Jargumenta li skont l-Ewwel Qorti Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta japplika meta l-elementi ta' Artikolu 11 tal-Kapitolu 61 imsemmi huma sodisfatti. Artikolu 11 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> "Meta xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikoli 3, 4, 5, 6 u 10 jsir barra minn Malta relattivament għal passaport maħruġ lil ċittadin ta' Malta, il-ħati jista' jiġi mħarrek, proċessat u kastigat f'Malta bl-istess mod u sa l-istess limitazzjoni bħallikieku r-reat sar Malta."

Illi l-Avukat Ġenerali jissottometti li Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta għandu japplika irrispettivament fejn ġie trasferit il-passaport. Huwa jirreferi għad-definizzjoni tal-kelma "titrasferixxi" li tinsab f'Artikolu 2 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kelma hija definita hekk:

> "il-kunsinna ta' passaport minn persuna li tkun fil-pussess leġittimu jew le ta' dak il-passaport, lil persuna oħra li ma jkollhiex jedd għall-użu jew għall-pussess ta' dak il-passaport, sew jekk il-kunsinna ssir b'titolu gratuwitu jew għal flus jew b'titolu oneruż."

Illi skont l-appellant Avukat Ġenerali dan juri li fil-liġi tagħna huwa kontra l-liġi li persuna li ma jkollux jedd għall-użu jew għall-pussess ta' passaport jirċievi tali passaport mingħand persuna oħra.

Illi l-Avukat Ġenerali jissottometti wkoll li kemm-il darba passaport ikun intiż li se jintuża Malta, allura l-awtoritajiet Maltin għandu jkollhom kontroll assolut fuq tali passaport irrispettivament fejn il-persuna tkun irċeviet il-passaport. Jargumenta li meta l-appellat allura imputat twaqqaf fl-ajruport ta' Malta huwa kien fil-pussess ta' disa' passaporti u ma kellu ebda jedd li jkun fil-pussess tagħhom. Jissottometti li mhux sew li l-kelma "jirċievi" tingħata interpetazzjoni daqshekk stretta u jargumenta li l-fatt li l-kelma "pussess" mhux espliċitament imniżżla ma jfissirx li l-leġislatur ma jridx jippenalizza tali pussess. Jgħid li ma jagħmilx sens li għaliex il-persuna ma nqabditx fil-mument li rċeviet il-passaport allura ħadd ma jista' jikkontrolla tali passaport. Jgħid li skont il-liġi tagħna persuna ma tistax tkun f'pussess ta' passaport li ma nħariġx lilha u li l-fatt li persuna oħra tirċievi passaport minn għand persuna oħra jikkostitwixxi dan ir-reat.

Illi l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx ukoll mal-Ewwel Qorti meta qalet li l-aċċettazzjoni u ċioè li wieħed jirċievi passaport huwa reat instantaneju u lanqas ma jagħmel sens li tippenalizza li wieħed jirċievi l-passaport u mhux il-pussess ukoll. L-appellant jirreferi għas-servizz ta' *courier* imma f'dan il-każ trid tkun segwita l-proċedura relatata mal-ħruġ ta' visa li hi mmexxija mis-*Central Visa Unit* (CVU). Jgħid li s-CVU xorta ma tidħolx fil-kwistjoni ta' kif kumpaniji jġibu l-passaport in kwistjoni u jgħid li l-appellat la kellu x'jaqsam mal-passaporti u lanqas kien jaf il-persuni. Jgħid li ma jfissirx li kwalunkwe persuna Libjana għandha dritt tidħol f'Malta fil-pussess ta' passaporti li mhux tagħha u li mill-provi joħroġ li ebda waħda mill-persuni msemmija ma għamlet xi talba lis-CVU biex tinħariġilha visa. Jargumenta li l-eżerċizzju li riedet tagħmel il-Qorti kien li tevalwa jekk l-appellat kienx fil-pussess leġittimu u awtorizzat ta' tali passaporti u mhux fejn l-appellat irċieva tali passaporti. Jgħid li fl-atti proċesswali hemm lista ta'

disa' minn nies iżda din l-istess lista ma tikkorrispondix mal-ismijiet li hemm fuq id-dokumenti li jinsabu annessi. Jgħid ukoll li l-appellat ma kellu ebda awtorizzazzjoni li jkun fil-pussess ta' dawn id-dokumenti. L-appellant jerġa' jinsisti li għalkemm l-artikolu in kwistjoni juża l-kelma "jirċievi" din għandha tinkorporaha wkoll il-pussess effettiv ta' passport u li min jirċievi tali passaport għandu jkun ikkunsidrat bħala persuna aċċessorja. Jgħid li l-oneru tal-prova għandu jdur fuq il-persuna mixlija l-Qorti u hu jrid jagħti raġuni plawsibbli għala nstab fil-pussess ta' tali passaport.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti biex tara jekk seħħx ir-reat taħt Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-i**Spettur Frankie Sammut** stazzjonat l-*Immigration* xehed li kienet saret tfittxija fuq persuna nhar it-3 ta' Settembru 2015 u kienu nstabu xi passaporti fuq persuna li kienet waslet Malta minn titjira minn Mitiga fil-Libja. Jgħid li waqt l-interrogazzjoni dan il-persuna qal li meta kien l-ajruport biex jiġi Malta kien hemm persuna li għandu l-uffiċċju ġewwa Mitiga u għaddielu disa' passaporti kif ukoll l-applikazzjonijiet mimlija biex japplikaw għall-visa f'Malta. Jgħid li f'Malta huwa kellu jagħtihom lil ċertu persuna biex ikun jista' jsir il-proċess għall-visa. Dawn in-nies ma kinux ser jaħdmu miegħu. Jgħid li l-permess tar-residenza f'Malta u l-passaport huma validi. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li ma jieħux ħsieb il-visas. Jgħid li l-appellat kien ikkoopera mal-Pulizija u wieġeb kull domanda. Jgħid li persuna mhux suppost tidħol b'passaport ta' ħaddieħor.

Illi **Nathalie Muscat** (in rappreżentanza tas-*Central Visa Unit*) xehdet li s-CVU jieħu ħsieb affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-visa. Tgħid li minħabba li l-ambaxxati tal-Libja u tat-Tuneżija kienu magħluqin huma kienu ħolqu proċeduri li l-*host person* jikkuntattja is-CVU, iġib l-awtorizzazzjoni li għandu bżonn biex jiġi Malta għall-*business purpose* iżda mhux il-familjari. Tgħid li

din hija s-*single permit* Ewropea u li mbagħad ikun hemm il-*work permit* tal-ETC. Tgħid li huma kienu jitolbu *scanned copy* tal-*bio-data* tal-passaport u li bħala *host person* tista' tieħu l-passaporti għand is-CVU iżda huma ma jidħlux kif ser jinġabu l-passaporti. Tgħid li l-*host* ikun awtorizzat sabiex iġib il-passaport u li huma mbagħad jiċċekkjaw id-data kollha li tintbagħat. Meta eżaminat l-*invitation letter* hija qalet li ma kinitx taċċettaha għaliex la kien hemm firma u lanqas timbru.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat allura imputat jirriżulta li huwa ġie mixli li f'dawn il-Gżejjer huwa <u>rċieva</u> passaporti li ġew trasferiti lilu minn persuna oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-appellat <u>irċieva</u> passaporti <u>f'dawn il-Gżejjer</u> għaliex il-provi juru biċ-ċar li d-disa' passaporti ġew mgħoddija lill-appellat ġewwa Mitiga u mhux hawn Malta. Isegwi għalhekk li dettal importanti fl-imputazzjoni ma jirriżultax mill-provi prodotti.

Illi minbarra dak li għadu kemm ingħad, il-ġurisdizzjoni ġenerali taħt Artikolu 5 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija primarjament waħda territorjali kif juru d-diversi sub-artikoli tiegħu. Meta l-leġislatur ried jagħmel xi eċċezzjoni huwa ħa ħsieb isemmihom fid-diversi emendi li saru fil-liġi. Per eżempju, taħt is-sub-paragrafu (e) hemm il-frażi: *"minkejja li r-reati msemmija f'dan il-paragrafu jkunu saru barra minn Malta"*.

Illi fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law (First Year)</u> il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid jekk:

> "These exceptions, however, do not affect essentially the general principle that Criminal Law is territorial in its nature and its application."

Illi dan ma jfissirx li llum ma għandniex liġijiet li huma ta' natura kriminali iżda jmorru 'l hemm mit-territorju Malti. Jista' jingħata

eżempju b'Artikoli 22(1)(d), 22(1)(e) u 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi eżami akkurat ta' Artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta ma juri ebda dimensjoni ultra territorjali. Bħalma sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata biex wieħed isib dan l-element ta' extra territorjalita' irid imur f'Artikolu 11 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta. Imma dan huwa marbut kif ġej. Fost l-Artikoli msemmija f'Artikolu 11 hemm Artikolu 3 li *"jsir barra minn Malta relattivament għal passaport maħruġ lil ċittadin ta' Malta."* S'intendi hawn il-leġislatur ried jipproteġi l-passaport li jingħata lil ċittadin Malti mad-dinja kollha.

Illi jsegwi li biex tinstab ħtija taħt Artikolu 11 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta jrid ikun ħareġ passaport *"lil ċittadin ta' Malta"*. Mill-provi prodotti ma jirriżulta minn imkien li xi wieħed mid-disa' (9) passaporti in kwistjoni nħarġu lil xi ċittadin Malti.

Illi l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-kelma *"jirċievi"* għandha tingħata tifsira li dak li jkun ikun fil-pussess. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li kieku l-leġislatur ried jagħmel dan seta' estenda l-lista ta' definizzjonijiet f'Artikolu 2 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn, ir-reat li tirċievi passaport ma jistax jitqies bħala wieħed kontinwat. Jekk il-leġislatur jidhirlu li għandu jieħu ħsieb din is-sitwazzjoni, allura għandu jilleġisla dwarha.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud peress li l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti ma jwasslux għas-sejbien ta' ħtija taħt id-dettalji msemmija fl-imputazzjoni nnifisha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**